TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 211/10

**Adolf Portelli**

**vs**

**George Muscat**

Illum 5 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' erba' mitt ewro (€400), rappreżentanti prezz ta' amplifier li kellu jitwaħħal fil-karozza u ma twaħħalx.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ħallas erba' mitt ewro (€400) għal amplifier li kellu jitwaħħal fil-karozza tiegħu u minħabba diversi raġunijiet dan l-amplifier ma twaħħalx. Ir-rikorrenti qed jagħti t-tort lill-intimat.

L-intimat min-naħa tiegħu jgħid illi kien talbu żmien biex iħallas peress li kellu inċident tat-traffiku, ma setax iħallas l-ammont.

Di piu l-intimat sostna illi xogħlu kien li jbiegħ l-amplifier u mhux li jwaħħlu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li kkunsidra x-xhieda, jikkonkludi illi r-rikorrenti ħallas prezz ta' amplifier li qatt ma ġie mogħti lilu u l-fatt li dam biex iħallsu ma jfissirx illi m'għandux dritt jieħdu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**